# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Erbgha 8 ta' Novembru 2017**

**Rikors Numru: 96/2016 JPG**

**Kawza Numru: 15**

**Saviour sive Sam Borg (ID 0621435M)**

**VS**

**Ignatius sive Iggie Borg (ID 0751347M) u martu Pamela Elsie sive Pam Borg (ID 0015328A)**
**u HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Saviour sive Sam Borg (ID 0621435M), datat il-5 ta' Frar 2016, (vide fol. 1 et seqq.), li jaqra hekk;

*Li jesponi umilment u bil-ġurament tiegħu jikkonferma li jaf personalment bil-fatti segwenti:*

*1. ILLI fl-ewwel ta' Frar 1995, il-konvenut Ignatius Borg deher fuq żewġ skritturi (Dok.SB1 u SB2) fil-kwalità allegata ta' prokuratur ta' ħuh l-attur, u permezz tagħhom għamel tajjeb għalih innifsu u għal martu l-konvenuta Pamela Elsie Borg fil-konfront ta' l-allura Mid-Med Bank Ltd in konnessjoni*

*mal-ħruġ ta' faċilitajiet bankarji f'ammont komplessiv ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000);*

*2. ILLI fl-14 ta' Marzu 1995, l-istess konvenut Ignatius Borg reġa' deher, allegatament fil-kwalità ta' prokuratur ta' l-attur, din id-darba fuq att pubbliku (Dok.SB3) li permezz tiegħu il-konvenuti konjuġi Borg ħadu mingħand l-allura Mid-Med Bank Ltd overdraft facility fl-ammont ta' ħamest elef lira Maltin (Lm5,000) u loan fl-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000), u in konnessjoni ma' tali faċilitajiet ġiet ikkostitwita favur il-bank ipoteka ġenerali fuq il-ġid kollu ta' l-attur, kif ukoll ipoteka speċjali fuq ir-residenza ta' l-attur, l-appartament numru wieħed (1), 'Casuarina', Trejqa San Ġorġ, San Ġiljan; ma' tali kuntratt ġiet annessa bħala 'Dok. A' prokura bla data allegatament iffirmata mill-attur;*

*3. ILLI wara dan, il-konvenuti konjuġi Borg fallew u telqu minn Malta u ħallew diversi djun warajhom, fosthom is-self fuq imsemmi; il-bank konvenut istitwixxa proċeduri ta' subbasta fuq il-proprjetà tal-konvenuti mingħajr ma avża b'dan lill-esponenti, il-proprjetà nbiegħet bi prezz irriżorju, u mbagħad l-istess bank dar fuq l-esponent u nterpellah sabiex iħallas is-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) in konnessjoni mal-garanziji u l-ipoteki fuq imsemmija; dan apparti li sar ukoll dejn ma' bank ieħor b'garanzija fuq depożitu bankarju ta' ċirka sitt elef lira Sterlina li nġibdu ukoll;*

*4. ILLI l-attur la jiftakar li iffirma prokura u lanqas li tali prokura ġiet moqrija u spjegata lilu minn nutar; rinfaċċjat però bl-allegata firma tiegħu fuq il-prokura annessa mal-kuntratt fuq imsemmi huwa ma kienx f'posizzjoni li jiċħad il-ġenwinità tagħha għaliex tixbaħ ħafna lil tiegħu;*

*5. ILLI eventwalment il-bank konvenut istitwixxa proċeduri kontra l-esponent għall-ammont imsemmi, liema kawża ġiet deċiża kontra l-esponent u fil-preżent tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg, Rik. Nru 459/2003);*

*6. ILLI reċentement, il-konvenuti irritornaw jgħixu Malta, u l-attur iltaqa' ma' ħuh il-konvenut Ignatius Borg, u urieh kopja tal-prokura in kwistjoni u saqsih dwar kif ġiet iffirmata; il-konvenut spjega lill-esponent illi kienu marru flimkien għand in-Nutar Tabone sabiex issir din il-prokura, u waqt li kienu qegħdin jistennew ċempel in-nutar u qal li ser jittardja u li f'dan il-punt l-esponent telaq u Ignatius iffirma għal ħuh, u dan skond l-istess Ignatius Borg; fi kliem ieħor, huwa ammetta ma' l-esponent li l-firma fuq il-prokura hija falza u li l-esponent qatt ma ffirma quddiem in-Nutar imsemmi;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponent jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

*i. Tiddikjara, occorrendo permezz tal-ħatra ta' periti kalligrafiċi nominandi, li l-firma 'S. Borg' fuq il-prokura bla data mmarkata 'Dok. A' annessa mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone ta' l-14 ta' Marzu 1995 (Dok. SB3) mhijiex il-firma ta' l-attur;*

*ii. Konsegwentement tiddikjara li l-iskritturi ta' l-1 ta' Frar 1995 (Dok. SB1 u SB2) u l-kuntratt ta' l-14 ta' Marzu 1995 msemmi fl-ewwel talba (Dok. SB3) ma jagħmlux stat fil-konfront ta' l-esponent u konsegwentement tordna t-tħassir ta' l-ipoteka ġenerali u ta' l-ipoteka speċjali relattivi u tan-nota ta' l-iskrizzjoni ipotekarja numru 5037/1995 (Dok. SB4) safejn tali nota tirreferi għall-attur.*

*Bl-ispejjeż legali, u bir-riżerva ta' kull azzjoni legali neċessarja u opportuna.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimati Ignatius sive Iggy Borg u martu Pamela Elsie sive Pam Borg baqghu kontumaci;

Rat ir-Risposta Mahlufa tal-bank konvenut HSBC Bank Malta plc, datata l-1 ta' Marzu 2016, (vide fol. 22 et seqq.), li taqra hekk;

1. *Illi preliminarjament il-konnessjoni tal-ażżjoni ai termini tal-artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mal-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' April 2012 Rikors 495/2003 liema kawża ġiet appellata mir-rikorrenti u ghandha tinstema fid-29 ta' Frar 2016 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;*

2. *Illi stante li r-rikorrenti ġja qajjem l-eċċezzjoni ta' nullita f'dawk il-proċeduri u dana ai termini tal-artikolu 1226 tal-Kap 16 allura f'każ ta' eżitu negattiv ghalih fil-proċeduri tal-appell fuq ċitati l-ażżjoni odjerna għandha tiġi respinta bħala milqutha minn res ġudikata.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju ghal fuq suespost ghandha tapplika ukoll il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap 16.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-mandat huwa validu u ġie ratifikat diversi drabi mill-istess rikorrenti b'atti esterjuri kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża (art 1227 et seqq. tal-Kap 16).*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet għandhom jiġu miċħuda ghaliex dak li qed jiġi kkonfermat bil-ġurament f'din il-kawża huwa dijametrikament oppost għall dak li ġie kkonfermat bil-ġurament mill-istess rikorrenti fil-proċeduri fuq ċitati ;*

6. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi*

*Bl-ispejjeż*

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

1.1 *Illi din il-kawża hija konnessa ai termini tal-artikolu 793 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mal-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-20 ta' April 2012 fl-ismijiet Rikors 495/2003 HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg liema kawża ġiet appellata u ghandha tinstema fid-29 ta' Frar 2016 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Dokument HSBC1. Illi, f'dik il-kawża r-rikorrenti eċċepixxa li huwa kien ta prokura ġenerali lill-ħuħ imma dan ta' l-aħħar użaha frawdolentement biex jiffirma l-garanziji esebiti minnu bħala dokument SB1 u SB2. Barra mill-fatt li dan huwa konfliġġenti mal-posizzjoni meħuda f'dawn il-proċeduri teżisti sentenża dwar il-validita' ta' dawn il-garanziji liema sentenza qed tistenna l-eżitu ta' proċeduri ta' appell ntavolati mill-istess rikorrenti bl-ewwel dehera ffissatha ghad-29 ta' Frar 2016.*

1.2 *F'każ ta' eżitu negattiv ghar-rikorrenti fl-appell tiegħu tiġi eċċepita r-res ġudikata.*

*1.3 Illi l-azzjoni hija manifestament perenta ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap 16;*

*1.4 Illi l -mandat huwa validu u ġie ratifikat diversi drabi mill-istess rikorrenti b'atti esterjuri kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;*

*1.5 Illi din l-Onorabbli Qorti hija bl-akbar rispett mitluba tqabbel id-deposizzjonijiet mghotija fil-proċeduri fuq ċitati mal-posizzjoni li qed jieħu issa r-rikorrenti f'din il-kawża u tieħu dawk il-provvedimenti li jidhrilha ġusti fiċ-ċirkostanzi;*

*1.6 Illi ir-rikorrenti issa qed jghid li mar għand n-nutar Joseph Tabone ma huħ biex jiffirma prokura favuriħ u biex ma joqghodx jistenna telaq u ħalla lil ħuħ waħdu hemm. Ir-rikorrenti qed jgħid li ma kienx jaf x'ġara wara u li għalkemm kellu d-dubbji tiegħu dwar il-firma fuq il-prokura għazel li ma jattakahiex "għaliex tixbaħ ħafna lil tiegħu". ĦUĦ falla u ħarab minn Malta. Fl-elenku tax-xhieda tiegħu jnizzel lill-"qraba ta' l-aħwa Borg dwar il-karattru ta' Ignatius Borg u ta' martu Pamela Elsie Borg". Fid-dawl ta' dan kollu il- fatt li r-rikorrenti qatt ma pproċeda biex jannulla l-prokura mgħotija b'allegat frodi jikxef inkosistenti fil-posizzjoni tiegħu.*

*1.7 Illi* ***ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12,*** *u fid-dawl tas-suespost, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati minn Borg Saviour huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ippruvati*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota sottomissjonijiet tal-Bank konvenut HSBC Bank Malta plc, datata fl-24 ta' Mejju 2017, (vide fol. 78 et seqq.);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza parzjali fuq l-eccezzjoni preliminary mressqa mill-bank intimat illi l-azzjoni tar-rikorrent hija milquta' bir-*res judicata.* M'huwiex kontestat illi l-bank intimat kien intavola kawza kontra r-rikorrent fl-2003 sabiex dan jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlettax il-elf disgha mijja, sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) l-imghaxijiet dekorriblbli fuq din is-somma, u dan wara illi r-rikorrent kien ta prokura lil huh li mbaghad uza din il-prokura sabiex jiffirma f'isem huh, (ir-rikorrenti f'din il-kawza), garanzija ghas-somma li kien qed jisellef mill-bank. M'huwiex ukoll kontestat illi hu r-rikorrenti u martu ma kienux hallsu dan id-dejn u kien ghalhekk li l-bank intimat kien dar fuq ir-rikorrent ghall-hlas u ntavola l-kawza fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg (Rikors numru 459/03).

Jirrizulta illi f'dik il-kawza ir-rikorrent ma kienx ressaq eccezzjoni illi l-prokura kienet nulla minhabba li huh kien iffalsifika l-firma tieghu izda kien ressaq eccezzjoni illi, ghalkemm kien ffirma din il-prokura, n-nutar ma kienx spjegalu dak li qed jiffirma u illi l-garanzija giet ikkostitwita bi frodi u b'abbuz ta' prokura moghtija minnu. Jirrizulta wkoll illi din il-kawza gie deciza b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016, permezz ta' liema s-sentenza, l-Qorti tal-Appell ikkonferma is-sentenza appellata, u laqghat it-talbiet tal-Bank, wara li kemm din il-Qorti diversament presjeduta, kif ukoll il-Qorti tal-Appell ikkonkludew illi l-allegazzjoni tal-intimat, (r-rikorrent f'dawn il-proceduri), li l-garanzija kienet gie kostitwita bi frodi u abbuz tal-prokura moghtija minnu lil hu, ma kienetx kredibbli.

Il-bank intimat ghalhekk qajjem eccezzjoni f'din il-kawza illi r-rikorrent kien diga qajjem eccezzjoni ta' nullita ai termini tal-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili u ghalhekk din l-azzjoni hija issa milqghutha bir-*res judicata.* Pero minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, li ticcita fit-tul ir-ragunament tal-Qorti ta' Prim' Istanza, jidher car illi fil-verita ir-rikorrent qatt ma qajjem eccezzjoni ta' nullita tal-prokura fil-proceduri li ttiehdu mill-bank, tant illi wahda mir-ragunijiet li fuqhom sejset il-konkluzjoni taghha l-Prim'Awla, kienet proprju illi r-rikorrent ma kienx pprova jikseb dikjarazzjoni ta' nullita tal-prokura, izda bbaza l-

azzjoni biss fuq uzu frawdolenti u abbuziv tal-prokura. Filfatt, il-bank stess jghid illi f'din il-kawza ir-rikorrenti biddel il-verzjoni, billi f'din il-kawza qed jghid illi l-prokura hija nulla ghaliex huh iffalsifika l-firma tieghu, filwaqt li fil-proceduri intavolati mill-bank ma qalx illi l-prokura kienet nulla, izda li ffirma hu stess u kkontesta biss l-uzu taghha. Minn dan isegwi li l-eccezzjoni kif imressqa mill-bank intimat ma tistghax tintlaqa' ghaliex il-bank intimat rabat l-eccezzjoni tieghu espressament u specifikatament mal-fatt illi r-rikorrent kien diga qajjem azzjoni ta' nullita a bazi tal-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili, fatt illi kif diga ntqal m'ghandux mis-sewwa.

Pero, il-Qorti taghraf illi l-eccezjoni tar-*res judicata* tista' titqajjem mill-Qorti stess *ex officio,* kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Hekk per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Aquilina vs Ir-Repubblika ta' Malta,** deciza fil-15 ta' Ottubru 2010 intqal illi;

> ***"Eccezzjoni ta' res judicata, eccezzjoni li, del resto skond ilgurisprudenza taghna tista' tigi sollevata ex officio mill-Qorti jekk u meta tingieb ghall-attenzjoni taghha sentenza ohra li tista' tkun ta' ostakolu ghas-smigh tal-kawza gdida (ara per ezempju, is-sentenza tal-4 ta' Novembru, 1955, moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Cassar vs Zammit"). Dan ghandu jsir peress li ghandu jigi evitat li kwistjoni diskussa u deciza minn Qorti terga' tinfetah biex terga' tigi diskussa u deciza, u dan in vista tal-principju ta' stare decisis li hu wiehed ta' ordni pubbliku."***

Vide wkoll **Borg vs Willoughby**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003 u **Zahra vs Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2016.

Din il-gurisprudenza hija msejjsa fuq il-principju ta' *res judicata pro veritate habetur,* kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fil-5 ta' Novembru 1934:

> ***"L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fondament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur."***

Ghalhekk il-Qorti sejra tezamina jekk din l-azzjoni hijiex milquta' bir-*res judicata* minhabba s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Saviour Borg.

Huwa risaput illi sabiex tintlaqa' eccezzjoni ta' *res judicata* jridu jikkonkorru tlett elementi, u cioe ***eadem res, eadem personae* u *eadem causa petendi.***

Rigward l-element ta' ***eadem personam***, u s-sinjifikat ta' zieda fil-partijiet fit-tieni kawza b'rispett ghal dan l-element, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet, **John u Mary konjugi Galea vs Raymond u Rosanne konjugi Falzon** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Frar 2002, fejn fit-tieni kawza kienu gew mizjuda l-konjugi tal-partijiet minhabba l-introduzzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-Qorti qalet:

**"[f]*'kaz bhal dan, fejn il-presenza tal-parti li tiddahhal jew tidhol fit-tieni process ma tkunx tassew mehtiega, ma jigix b'daqshekk nieqes l-element tal-eadem personae.*"**

Dan l-insejament isegwi dak tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et** deciza fit-2 ta' Lulju 1996, fejn il-Qorti tal-Appell qalet illi l-element ta' *eadem persona* ma jingiebx fix-xejn jekk xi hadd mill-partijiet jipproponi kawza identika bl-inseriment ta' persuna li l-presenza taghha m'hijiex verament necessarja mill-aspett legali.

Rigward l-element ta' ***eadem res***, intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Rabat Construction Limited vs Cutajar Construction Company Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Jannar 2002 illi dan l-element:

> "[j]***inkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat.***"

Dan l-insejament gie spjegat bil-mod segwenti fis-sentenza fl-ismijiet **Angela Borg et vs Anthony Sciberras** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Frar 2015:

> "***...sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba gdida, ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.***"

Pero, kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kummercjali fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Jose Herrera noe vs Anthony Cassar et noe** deciza fil-5 ta' Ottubru 1992, l-eccezzjoni ta' res judicata tista' tirnexxi wkoll meta l-meritu, ghalkemm distint minn dak tal-kawza gia deciza, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess.

Barra minn hekk, huwa meqjus ukoll illi m'hijiex mehtiega identicita assoluta, izda, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Vella Estates Limited vs Raymond Azzopardi et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Jannar 2016:

> "***...basta li jkun hemm l-identita` fuq il-punt kontrovers jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jkun jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedotta fl-ewwel citazzjoni (Ara "Antonio Avela vs Giuseppe Fenech" – P.A. – 28 ta' Frar 1946; u Appell Civili "Eugenio Borg vs Saveria Farrugia" - 31 ta' Marzu 1952). Dan ifisser li l-attur ma jkunx jista' permezz ta' kawza ohra***

***jiftah it-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li diga gew diskussi f'kawza deciza b'sentenza li diga tkun ghaddiet in gudikat.***"

Is-sentenza appena citata tghid ukoll fuq l-element ta' ***eadem causa petendi*** illi:

***"...din il-kondizzjoni tirrikjedi li "the cause of the claim" kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Professur Caruana Galizia f'"Notes on Civil Law" (Pt. IV p.1428) (citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz Jan Christian Nygaard v Carmen Nygaard (PA JZM - 15 ta' Settembru 2014) jispjega illi l-"causa petendi" hija "the title on which the demand is based". Illi ghalhekk din hija t-titlu, cioe', il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-"eadem causa petendi" tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.***"

Fuq dan l-element fis-sentenza citata aktar il-fuq fl-ismijiet **Vella Estates Limited vs Raymond Azzopardi et** intqal illi:

***"…gie wkoll ghadd ta' drabi mfisser li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-causa petendi fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.***

(…)

> ***Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghal dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutieh biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` tal-motivi tal-'causa petendi'.***"

Rigward din l-eccezzjoni, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Vito Domenico Benvenga vs Direttur Generali Veterinary and Animal Welfare** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Novembru 2014:

> "***For the plea to succeed, these three elements have to be proved concurrently: where any one of these elements is lacking, the plea fails since in that case there is no identity (nisi omnia concurrunt, alia res est);***
>
> ***That the plea of res judicata is of very strict interpretation, owing to the fact that it halts an otherwise valid legal claim. In case of doubt as to the concurrence of the above-mentioned elements, the plea ought to be rejected.***"

F'dan il-kaz, l-ewwel kawza kienet bejn ir-rikorrent u l-intimat biss fir-rwoli inversi, filwaqt illi f'din il-kawza ir-rikorrent istitwixxa l-proceduri mhux biss kontra l-bank, izda wkoll kontra huh Ignatius Borg u martu Pam Borg. Fid-dawl tal-gurisprudenza su citata rigward l-element ta' *eadem persona* il-Qorti ghalhekk trid tiddetermina jekk il-konjugi Ignatius u Pam Borg humiex verament necessarji f'din il-kawza mill-aspett legali, sabiex tkun tista' tiddetermina jekk l-element ta' *eadem persona* giex sodisfatt.

Permezz ta' din il-kawza, r-rikorrenti qed jipprova jikseb dikjarazzjoni ta' nullita tal-prokura li l-intimati Ignatius u Pam Borg kienu uzaw sabiex jottjenu garanzija minghand ir-rikorrent ghas-self li hadu minghand il-bank intimat, u dan billi jallega illi l-firma tieghu kienet giet falsifikata minn huh. Huwa car illi sabiex jilhaq dan il-ghan, jinhtieg il-presenza tal-persuna li allegatament iffalsifika l-firma tar-rikorrent sabiex ghamel ta' bir-ruhhu li kellhu prokura ta huh (r-rikorrenti). Dan ifisser illi l-presenza ta' Ignatius Borg f'din il-

procedura hija ndispensabbli, ghaliex fin-nuqqas tal-presenza tieghu ma jistghax ikun hemm azzjoni rigward in-nullita o meno tal-prokura li Ignatius Borg qal li kienet giet moghtija lilu mir-rikorrent.

Ghalhekk, galadarba il-presenza ta' Ignatius Borg hija ndispensabbli f'dawn il-proceduri, u galadarba Ignatius Borg ma' kienx parti fl-ewwel kawza illi l-bank kien intavola kontra r-rikorrenti, isegwi illi l-element ta' *eadem persona* m'huwiex sodisfatt. Peress illi jekk anke wiehed mill-elementi tal-eccezzjoni tar-*res judicata* jkun nieqes, din l-eccezzjoni ma tistghax tirnexxi, il-Qorti tqis illi din l-azzjoni m'hijiex milquta' bir-*res judicata.*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-bank intimat, tiddikjara illi din l-azzjoni m'hijiex milquta' bir-*res judicata* u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez riservati ghal vertenza finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**